31990R0429

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 429/90

tal-20 ta' Frar 1990

dwar l-għoti bi stedina għal offerta ta' għajnuna għall-butir konċentrat maħsub għall-konsum dirett fil-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 tas-27 ta' Ġunju dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħalib u l-prodotti mill-ħalib [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 3879/89 [2], u b' mod partikolari Artikolu 7a (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1677/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 dwar l-ammonti monetarji kompensatorji fl-agrikoltura [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1889/87 [4],

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3143/85 [5], kif l-aħħar emendat bir-Regoloament (KEE) Nru 2690/89 [6], jistabilixxi skema għall-bejgħ bi prezzijiet imnaqqsa ta' butir tal-intervent maħsub għall-konsum dirett fil-forma ta' butir ikkonċentrat; billi dik il-miżura għenet sabiex jiżdied ir-rimi ta' butir ta' intervent u jiżdied il-konsum ta' butir konċentrat;

Billi b' konsiderazzjoni, minn banda waħda, għall-azzjoni promozzjonali u kummerċjali meħuda, li ppermettiet li jiġi akkwistat parti mis-suq fi żjut u xaħmijiet mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament imsemmi u, minn naħa l-oħra, għas-sitwazzjoni kurrenti fis-suq tal-butir, l-iskema prevista bir-Regolament (KEE) Nru 3143/85 għandha titkompla u tiġi supplimentata billi jiġi pprovdut għall-possibbiltà ta' l-għoti ta' għajnuna għall-butir ikkonċentrat miksub minn butir jew minn krema li joriġinaw mis-suq u maħsuba għall-konsum dirett fil-Komunità;

Billi, skond Artikolu 7a (2) (b) tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, jistgħu jittieħdu miżuri speċjali bil-ħsieb li tiżdied il-possibiltà tar-rimi tal-butir li la kien is-suġġett ta' xiri minn aġenziji ta' intervent u lanqas ta' għajnuna għall-ħażna privata u l-possibilità ta' rimi ta' krema; billi għandhom għalhekk jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet sabiex jassiguraw li l-butir ma kienx is-suġġett ta' miżuri previsti fit-Titolu II tar-Regolament (KEE) Nru 804/68;

Billi miżuri ta' disponiment jistgħu jipprovdu għall-għoti ta' għajnuna; billi sabiex jiġi assigurat illi din il-għajnuna tiġi stabbilità fil-livell li huwa strettament neċessarju u sabiex jiġu sorbeljati effettivament il-kwantitajiet konċernati, għandha tiġi wżata proċedura ta' stedina permanenti għall-offerti, li tiżgura wkoll aċċess egwali għall-operaturi interessati;

Billi għandhom jittieħdu miżuri biex jassiguraw id-differenzazzjoni fl-istadji kollha tat-tqegħid fis-suq bejn butir ikkonċentrat użat slond it-termini ta' dan ir-Regolament u tipi oħra ta' butir; billi, għal dan l-iskop, għandhom jiġu adotti dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kompożizzjoni u d-deskrizzjoni ta' butir ikkonċentrat; billi, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-miri ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi ffissat limitu taż-żmien għall-ipproċessar tal-butir u l-krema f'butir konċentrat u għall-pakkjar;

Billi għandu jiġi stabbilit kontenut għoli ta' xaħam tal-butir;

Billi għandha tiġi applikata sistema ta' kontrolli sabiex jiġi żgurat illi l-butir ikkonċentrat ma jiġix użat għal skopijiet oħra għajr dawk stipulati; billi in vista tal-karattru speċifiku ta' l-operazzjoni, partikolarment in konnessjoni mal-fabbrikazzjoni tal-butir ikkonċentrat, għandha ssir dispożizzjoni sabiex jinżamm reġistru tal-ħażna mill-partijiet ikkonċernati; billi, madankollu, dawn il-kontrolli għandhom jieqfu fl-istadju li jippreċedi immedjatament it-teħid mis-settur ta' l-imnut;

Billi, fir-rigward ta' l-ammonti monetarji kompensatorji ffissati skond ir-Regolament (KEE) Nru 1677/85, għandu jittieħed kont tal-valur tal-butir jew tal-butir ikkonċentrat; billi, għal dak l-iskop, għandha ssir dispożizzjoni għall-applikazzjoni ta' koeffiċjent lill-ammonti monetarji kompensatorji applikabbli għall-butir ikkonċentrat skond ir-Regolament tal-Kummissjoni li jiffissa l-ammonti kompensatorji;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Ħalib u tal-Prodotti mill-Ħalib ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Għandha tingħata għajnuna għall-butir konċentrat prodott fi stabbiliment approvat skond l-Artikolu 9 u magħmul jew minn krema jew minn butir iffabbrikat fil-Komunità, sakemm il-butir ma kienx is-suġġett ta' xiri minn aġenziji ta' intervent jew ta' ħażna privata. Il-butir ikkonċentrat, li għandu jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness ma' hawnhekk, għandu jkun maħsub għall-konsum dirett fil-Komunità.

---

[1] ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 13.
[2] ĠU L 378, tas-27.12.1989, p. 1.
[3] ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 6.
[4] ĠU L 182, tat-3.7.1987, p. 1.
[5] ĠU L 298, tat-12.11.1985, p. 9.
[6] ĠU L 261, tas-7.9.1989, p. 6.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, l-espressjoni "konsum dirett" għandha tfisser ix-xiri minn konsumaturi bl-iskopijiet ta' utilizzazzjoni finali, inkluż dak magħmul minn lukandi, ristoranti, sptarijiet, djar, internati, ħabsijiet u l-istabbilimenti kollha simili għat-tħejjija ta' l-ikel għall-konsum dirett.

3. L-għajnuna għandha tingħata mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikunu ġew ipproċessati l-krema jew il-butir f' butir ikkonċentrat skond il-formoli stabbiliti fl-Anness ma hawnhekk

4. L-għajnuna għandha tiġi ffissata f'ecu- bil-proċedura ta' l-istedina permanenti għal offerta, li għandha tiġi amministrata minn kull waħda mill-aġenziji ta' intervent.

Artikolu 2

1. L-avviż għal stedina permanenti għal offerta għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* mill-inqas tmint ijiem qabel l-ewwel data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' offerti.

2. L-aġenzija ta' l-intervent għandha toħroġ avviż ta' stedina għal offerta, fejn tindika b'mod partikolari d-data ta' l-għeluq u l-post tas-sottomissjoni ta' l-offerti.

Artikolu 3

1. Matul il-perjodu ta' validità ta' l-istedina permanenti għal offerta, l-aġenzija ta' l-intervent għandha toħroġ stedini individwali għal offerti.

2. Il-perjodu għas-sottomissjoni ta' l-offerti bi tweġiba għall-istediniet individwali għandu jiskadi f'nofs in-nhar kull tieni u raba' nhar ta' Tlieta tax-xahar ħlief għar-raba' nhar ta' Tlieta ta' Diċembru. Jekk in-nhar tat-Tlieta tkun festa pubblika, il-perjodu għandu jiġi estiż għal nofs in-nhar fil-jum utli ta' wara.

3. Fir-rigward ta' l-ewwel sedina individwali għal offerti, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' l-offerti għandu jiskadi f'nofs in-nhar fit-13 ta' Marzu 1990.

Artikolu 4

1. Offerta m' għandhiex tkun valida għajr jekk tkun akkumpanjata b'impenn bil-miktub għall-fabbrikazzjoni tal-kwantità ta' butir konċentrat stipulat fl-offerta. Jekk il-butir konċentrat jiġi fabbrikat mill-butir, dak li jagħmel l-offerta għandu wkoll jagħti impenn bil-miktub li juża butir li ma kienx soġġett tax-xiri minn aġenziji ta' intervent jew ta' għajnuna għall-ħażna privata.

2. L-offerti għandhom jiġu sottomessii jew b'posta rreġistrata jew jiġu kkunsinnati bl-idejn lill-aġenzija ta' l-intervent kontra rikonoxximent tal-irċevuta, jew bi kwalunkwe mezz bil-miktub ta' telekomunikazzjoni.

3. L-offerti għandhom jiġu sottomessi lill-aġenzija ta' l-intervent li fit-territorju tagħha għandu jiġi fabbrikat il-butir konċentrat.

4. L-offeri għandhom jiddikjaraw:

(a) l-isem u l-indirizz ta' min jagħmel l-offerta;

(b) l-ammont ta' għajnuna propost, espress f'ecu għal kull 100 kilogramma ta' butir ikkonċentrat;

(ċ) il-kwantità ta' butir ikkonċentrat li għalih tiġi applikata l-għajnuna;

(d) l-isem u l-indirizz ta' l-istabbiliment fejn tkun sejra tiġi ffabbrikata l-kwantità intiera tal-butir ikkonċentrat, *tracers* miżjuda u l-ippakkjar imwettaq, skond' l-Artikoli 9 u 10 u, meta approprjat, ta' l-istabbiliment fejn il-kwantità intiera tal-butir ikkonċentrat għandha tiġi ppakkjata għat-tqegħid fis-suq, skond Artikolu 10(5). Madankollu, bi ftehim ma' l-aġenzija kompetenti, il-kwantità intiera tal-butir ikkonċentrat tista' tiġi ppakkjata għat-tqegħid fis-suq fi stabbiliment barra minn dak indikat fl-offerta, skond Artikolu 10(5).

5. Offerta m' għandhiex tkun valida sakemm:

(a) ma jkollhiex magħha l-impenni bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 1;

(b) ma tirrelatax għal kwantità ta' mill-inqas erba' tunnellati metriċi ta' butir ikkonċentrat;

(ċ) ma tiġix fornita prova li, qabel l-iskadenza tal-perjodu stabbilit għas-sottomissjoni ta' l-offerti, min jagħmel l-offerta ikun iddepożita l-garanzija fuq l-offerta msemmija f'Artikolu 5(1).

6. L-ebda offerta ma tista' tiġi rtirata wara d-data ta' l-għeluq imsemmija f'Artikolu 3(2) għas-sottomissjoni ta' l-offerti li jirrelataw għall-istedina individwali għall-offerta kkonċernata.

Artikolu 5

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-twettiq ta' l-offerta wara d-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti u d-depożitu ta' garanzija dwar l-użu aħħari għandhom jikkostitwixxu l-ħtiġiet primarji, li konformità magħhom għandha tiġi assigurata bid-depożitu ta' garanzija għall-offerta ta' 150 Ecu għal kull tunnellata metrika.

2. Il-garanziji għall-offerti għandhom jiġu depożitati fl-Istat Membru fejn tiġi sottomessa l-offerta.

Il-garanziji għall-offeri għandhom jiġu rilaxxjati meta tiġi depożitata l-garanzija fuq l-użu aħħari msemmija fil-paragrafu 3.

3. It-teħid tal-butir ikkonċentrat mis-settur ta' l-imnut fil-Komunità għandha tkun ħtieġa ewlenija li l-konformità magħha għandha tiġi żgurata bid-depożitu ta' garanzija fuq l-użu aħħari li l-ammont tagħha għandu jiġi stabbilit fl-istess waqt u in linja ma' l-għajnuna għal kull 100 kilogramma.

Artikolu 6

Fid-dawl ta' l-offerti riċevuti bi tweġiba għal kull stedina inividwali għall-offerti u skond il-proċedura stabbilità fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KEE) Nru 804/68, għandu jiġi ffissat ammont massimu ta' għajnuna għall-butir ikkonċentrat b'kontenut minimu ta' xaħam ta' 96 %. Skond il-proċedura msemmija iktar 'il fuq tista' tittieħed deċiżjoni biex ma ssir l-ebda offerta fir-rigward ta' stedina għal offerta.

Artikolu 7

1. L-offerti għandhom jiġu rifjutati jekk l-għajnuna proposta tkun iktar mill-ammont massimu ffissat għall-istedina individwali għall-offerta kkonċernata.

2. Id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw in konnessjoni ma' l-istedina għall-offerta m' għandhomx ikunu trasferibbli.

Artikolu 8

1. Kull min jagħmel offerta għandu jiġi mgħarraf mingħajr dewmien mill-aġenzija ta' l-intervent bir-riżultat tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-istedina individwali għal offerta.

2. Meta min jagħmel l-offerta jkun ġiet dikjarat li għamel suċċess, din in-notifika għandha tindika:

(a) l-ammont ta' l-għajnuna konċessa għall-kwantità ta' butir ikkonċentrat involut u l-offerta, identifikata b'numru tas-serje, li jirrelata għaliha;

(b) id-data finali għall-ippakkajr tal-butir ikkonċentrat;

(ċ) l-ammont tal-garanzija għall-użu aħħari.

3. Ħlief f'każijiet ta' forza maġġuri, l-għajnuna għandha titħallas lil min jirbaħ l-offerta:

— fi żmien 60 jum mid-data li fiha tkun ġiet fornita prova illi l-butir ikkonċentrat ikun ġie ffabbrikat, żdiedulu t-*tracers* u ġie ppakkjat skond Artikoli 9 u 10 u għandha tiġi mħallsa a proporzjon tal-kwantitajiet li għalihom tkun ġiet fornita l-prova.

— u wara li tkun ġiet depożitata l-garanzija fuq l-użu aħħari msemmija f'Artikolu 5(3).

Il-garanzija fuq l-użu aħħari għandha tiġi rilaxxata fir-rigward tal-kwanitajiet li għalihom tkun ġiet fornita prova tal-pussess mill-kummerċ bl-imnut f'perjodu massimu ta' 15-il xahar miż-żmien perentorju għas-sottomissjoni ta' l-offerti msemmija f'Artikolu 3(2).

Madankollu, għandhom jiġu rilaxxati 85 % tal-garanzija fuq l-użu aħħari jekk tiġi fornita l-prova konċernata fi żmien sitt xhur mill-limitu ta' żmien ta' 15-il xahar imsemmi fit-tieni subparagrafu.

Meta għandha tiġi wżata l-kopja ta' kontroll T5 bħala prova tal-pussess mill-kummerċ tal-bejgħ bl-imnut u, minħabba ċirkustanzi li l-parti interessata ma jkollhiex kontroll fuqhom, ma tkunx treġġgħet lura lill-uffiċċju doganali tat-tluq jew lill-uffiċċju ċentrali tar-ritorni fi żmien 12-il xahar miż-żmien perentorju għas-sottomssjoni ta' l-offerti msemmi f'Artikolu 3(2), dik il-parti tista' tiddepożita ma' l-awtoritajiet kompetenti applikazzjoni raġunata qabel l-iskadenza tal-limitu ta' 15-il xahar imsemmi fit-tieni subparagrafu għal ekwivalenza ta' trattament, flimkien mad-dokumenti ta' sostenn, li għandhom jinkludu d-dokument tat-trasport u dokument li jipprova illi l-butir ittieħed mill-kummerċ bl-imnut.

4. Meta, per eżempju minħabba distribuzzjoni mhux ugwali, il-kontenut ta' kull wieħed mill-prodotti elenkati fil-punt 1 (ċ) tal-Anness jinstab li hu iktar minn 5 % imma inqas minn 20 % taħt il-kwantitajiet massimi preskritti, l-għajnuna għandha titnaqqas b'1,5 % mill-ammont tagħha għal kull punt perċentwali taħt il-kwantitajiet minimi preskritti.

5. Meta l-perjodu msemmi f'Artikolu 9(1) jinqabeż b'inqas minn total ta' 60 jum, l-għajnuna għandha titnaqqas b'4 Ecu għal kull tunnellata metrika kuljum. Fit-tmiem ta' dan il-perjodu, l-ammont li jibqa' ta' għajnuna għandu jitnaqqas b' 15 %, u wara dan bi 2 % għal kull jum żejjed.

6. F'każijiet ta' forza maġġuri jew fejn tkun inbdiet investigazzjoni amministrattiva li tirrigwarda l-intitolament għall-għajnuna, ma għandux isir ħlas sakemm ma jiġix rikonoxxut l-intitolament.

Artikolu 9

1. Il-fabbrikazzjoni tal-butir ikkonċentrat, iż-żieda ta' *tracers* skond l-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-Anness u l-ippakkjar tal-butir ikkonċentrat, inkluż l-ippakkjar għat-tqegħid fis-suq imsemmi f'Artikolu 4(4)(d), għandhom isiru:

— fi żmien 90 jum mid-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti msemmija f'Artikolu 3(2),

— fi stabbiliment approvat għal dak l-iskop mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jinstab l-istabbiliment imsemmi.

2. Tista' tingħata approvazzjoni lil stabbiliment biss jekk huwa:

(a) jkollu l-istallazzjonijiet tekniċi approrpjati sabiex jipproċessa kwantità medja ta' mill-inqas żewġ tunnellati metriċi ta' butir konċentrat kull xahar;

(b) ikollu fond li fuqu jistgħu jinħażnu kwalunkwe ħażna ta' xaħam mhux tal-butir separatament u identifikati hekk;

(ċ) jimpenja ruħu li jżomm reġistri permanenti ta' l-oriġini tal-butir użat, id-data tal-fabbrikazzjoni tal-butir, il-kwantità u l-kompożizzjoni tal-butir ikkonċentrat miksub, id-data tat-tneħħija ta' dak il-prodott u l-ismijiet u l-indirizzi tat-titolari sostanzjati b'referenza għan-noti u l-fatturi tal-kunsinna; u

(d) jimpenja ruħu li jibgħat il-programm tiegħu tal-fabbrikazzjoni għal kull kunsinna, skond l-arranġamenti deċiżi mill-Istat Membru ikkonċernat, lill-korp responsabbli għall-kontrolli msemmija f'Artikolu 11.

3. Jekk l-istabbiliment jipproċessa prodotti varji li jikkwalifikaw għall-għajnuna jew għal tnaqqis fil-prezz, għandu wkoll jidħol għall-impenn li:

— iżomm ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 2 (ċ) bħala entità separata,

— jipproċessa wieħed wara l-ieħor il-prodotti msemmija. Madankollu, fuq applikazzjoni mill-parti konċernata, l-Istati Membri jistgħu jiftiehmu li jwarrbu dan l-obbligu jekk l-istabbiliment ikollu fond li jassigura illi l-ħażniet tal-prodotti in kwistjoni jistgħu jinħażnu separatament u jiġu identifikati hekk.

4. L-approvazzjoni għandha tingħata b'numru tas-serje mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jiġi fabbrikat u ppakkjat il-butir ikkonċentrat.

5. L-approvazjoni għandha tiġi rtirata fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu; l-approvazzjoni tista' wkoll tiġi rtirata meta l-impriża kkonċernata tinstab li ma tkunx ikkonformat ma' xi obbligu ieħor li jirriżulta minn dan ir-Regolament.

Ma' l-applikazzjoni mill-istabbiliment konċernat, l-approvazzjoni għandha terġa tingħata l-post tagħha wara perjodu minimu taż-żmien ta' sitt xhur u wara spezzjoni dettaljata.

6. Minkejja l-paragrafi 2 u 5, sal-31 ta' Diċembru 1990 l-Istati Membri jistgħu jittrattaw bħala validi għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, imma mhux fejn hija kkonċernata l-krema, l-approvazzjonijiet mogħtija qabel skond l-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3143/85.

Artikolu 10

1. Matul il-fabbrikazzjoni tal-butir ikkonċentrat, waħda mit-*tracers* imsemmija fl-Anness għandha tiġi inkorporata, skond il-formola magħżula, b'tali mod illi tiżgura d-distribuzzjoni omoġenja tiegħu.

L-aġenzija kompetenti għandha tiżgura li jkunu ġew imħarsa l-ħtiġiet dwar il-kwalità u l-karatteristiċi, partikolarment il-grad ta' purità, tal-prodotti li għandhom jiġu inkorporati fil-butir ikkonċentrat.

2. Jista' jiġi miżjud il-gass nitroġenu mal-butir ikkonċentrat immedjatament qabel l-ippakkjar sabiex jikkawża r-ragħwa; iż-żieda fil-volum li tirriżulta minn dan it-trattament ma għandhiex taqbeż il-10 % tal-volum tal-butir ikkonċentrat qabel it-trattament.

Madankollu, fil-każ ta' butir ikkonċentrat b'kontenut minimu ta' xaħam tal-butir ta' 99,8 % qabel iż-żieda ta' *tracers* u additivi, iż-żieda fil-volum li tirriżulta minn dan it-trattament ma tistax taqbeż il-20 % tal-volum tal-butir ikkonċentrat qabel it-trattament.

3. Il-butir ikkonċentrat li miegħu żdiedu *t-tracers* skond il-formola I stabbilità fl-Anness għandu jiġi ppreżentat f'pakki ssiġillati. Jiddependi mill-prodotti inkorporati skond il-paragrafi 1 u 2 u soġġett għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirregolaw id-deskrizzjoni tal-prodotti ta' l-ikel, il-pakki għandu jkoolhom, f'kitba stampata ċara u leġibbli, u ta' stil wieħed, waħda jew iktar mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

— Mantequilla concentrada — Reglamento (CEE) nº 429/90 o (jew) mantequilla concentrada para la cocina — Reglamento (CEE) nº 429/90 o (jew)mantequilla concentrada para la cocina y la pasteiería — Reglamento (CEE) nº 429/90;

— Stege- og bagesmør — Forordning (EØF) nr. 429/90;

— "Butterfett — Verordnung (EWG) Nr. 429/90" oder "Butterschmalz — Verordnung (EWG) Nr. 429/90";

— "Συμπυκνωμένο βούτυρο — Κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 429/90" ή "Συμπυκνωμένο βούτυρο για μαγειρική — Κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 429/90" ή "Συμπυκνωμένο βούτυρο για μαγειρική και ζαχαροπλαστική — Κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 429/90" ή "Μαγειρικό βούτυρο — Κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 429/90";

— "Butteroil — Regulation (EEC) No 429/90" or "concentrated butter for cooking and baking — Regulation (EEC) No 429/90";

— "Żejt tal-butir - Regolament (KEE) Nru 429/90" jew "butir ikkonċentrat għas-sajran u l-ħami - (Regolment (KEE) Nru 429/90";

— "Beurre concentré — Règlement (CEE) nº 429/90" ou "beurre concentré pour la cuisine — Règlement (CEE) nº 429/90" ou "beurre concentré pour la cuisine et la pâtisserie — Règlement (CEE) nº 429/90" ou "beurre cuisinier — Règlement (CEE) nº 429/90";

— "Burro concentrato — Regolamento (CEE) n. 429/90";

— "Bak- en braadboter — Verordening (EEG) nr. 429/90" of "boterconcentraat — Verordening (EEG) nr. 429/90".

Il-butir konċentrat li jkunu żdidulu l-marki tat-traċċjar b'mod konformi mal-formola II dikjarata fl-Anness irid jitqiegħed f'pakki/pakketti siġillati li jġorru, f'kitba stampata ċara u leġibbli, minn-fonti wieħed, waħda jew iktar mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

— Ghee obtenido de mantequilla — Reglamento (CEE) nº 429/90

— Ghee — Forordning (EØF) nr. 429/90

— Aus Butter gewonnenes Ghee — Verordnung (EWG) Nr. 429/90

— Βούτυρο ghee — Κανονισμός (ΕΟΚ) αριθ. 429/90

— Butter ghee — Regulation (EEC) No 429/90

— Butir *ghee* - Regolament (KEE) Nru 429/90

— Ghee obtenu du beurre — Règlement (CEE) nº 429/90

— Ghee ottenuto da burro — Regolamento (CEE) n. 429/90

— Ghee — Verordening (EEG) nr. 429/90.

4. Il-pakki msemmija fil-paragrafu 3 għandu jollhom kontenut massimu ta' tliet kilogrammi.

5. Il-kwantità intiera tal-butir ikkonċentrat tista' tiġi ppakkjata għat-tqegħid fis-suq fi stabbiliment ieħor għajr dak li fih kienet ipproċessata sakemm l-ippakkjar isir fi stabbiliment approvat għal dak l-iskop mill-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ikunu allokati ż-żewġ stabbilimenti.

Artikolu 11

1. Matul il-fabbrikazzjoni tal-butir ikkonċentrat, l-aġenzija kompetenti għandha twettaq kontolli fuq il-post fuq il-bażi tal-programm ta' fabbrikazzjoni ta' l-istabbiliment kif imsemmi f'Artikolu 9(2)(d) b'tali mod illi kull offerta kif deskritta f'Artikolu 4 tiġi kontrollata mill-inqas darba waħda.

Dawn il-kontrolli għandhom jinvolvu t-teħid u l-analiżi ta' kampjuni u għandu jkollhom x'jaqsmu partikolarment mal-kondizzjonijiet tal-fabbrikazzjoni, mal-kwantità u l-kompożizzjoni tal-prodott miksub u mal-pakki. Għandhom jinvolvu t-teħid ta' kampjuni tal-butir ikkonċentrat minn kull kunsinna identifikata min-numru tas-serje ta' l-offerta. Dawn

il-kontrolli għandhom ikunu akkumpanjati perjodikament,jiddependi mill-kwantitajiet ipproċessati, minn spezzjoni dettaljata u saltwarja tar-reġistri msemmija f'Artikolu 9(2)(ċ) u b'verifika tal-konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti għall-approvazzjoni ta' l-istabbiliment.

L-ispiża tal-kontrolli għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-istabbiliment.

2. Il-kelma "kunsinna" tfisser kwantità ta' butir ikkonċentrat prodott f'unità ta' fabbrikazzjioni waħda u tikkorrispondi għall-offerta kollha jew parti minnha kif deskritt f'Artikolu 4(3).

Artikolu 12

1. Fis-sens ta' dan ir-Regolament, il-butir għandu wkoll jitqies li jkun għadda fil-pussess tal-kummerċ bl-imnut meta jsiru xirjiet mill-istabbilimenti msemmija f'Artikolu 1(2), mill-istabbilimenti tad-distribuzzjoni li l-aċċess għalihom ikun riservat għal titolari ta' karta tax-xerrejja ("flus fil-pront u ġorr" ("*cash and carry*")) u mid-dipartimenti tax-xiri ta' impriżi tad-distribuzzjoni bl-imnut.

2. Sakemm il-butir ikkonċentrat jgħaddi għall-pussess tal-kummerċ bl-imnut, kull persuna titolari ta' butir ikkonċentrat għandha żżomm reġistri tal-ħażna li juru għal kull kunsinna l-ismijiet u l-indirizzi tax-xerrejja tal-butir ikkonċentrat u l-kwantitajiet mixtrija f'kull każ.

Meta t-titolari tal-butir ikkonċentrat skond dan ir-Regolament ikollu wkoll butir ikkonċentrat soġġett għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 570/88 [1] u/jew ir-Regolament (KEE) Nru 3143/85, għandhom jinżammu reġistri separati tal-ħażna għall-prodotti miżmuma bis-saħħa ta' kull wieħed mir-Regolamenti msemmija.

3. Sabiex jiġi żgurat li d-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 jiġu mħarsa, l-operazzjonijiet tal-kontroll għandhom jiġu supplimentati b'kontrolli dettaljati u mhux notifikati tad-dokumenti kummerċjali u tar-reġistri tal-ħażniet tat-titolari kollha tal-butir ikkonċentrat imsemmija f'dan il-paragrafu.

Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni fil-bidu ta' kull kwart ta' sena bil-prezzijiet tal-bejgħ bl-imnut tal-butir ikkonċentrat reġistrati matul il-kwart tas-sena preċedenti.

Artikolu 14

Meta l-butir ippakkjat ikkonċentrat jintbgħat sabiex jittieħed pussess tiegħu mill-kummerċ bl-imnut fi Stat Membru ieħor, il-kaxxa 104 tal-kopja tal-kontroll T5 għandu jkollha l-iskrizzjoni li ġejja:

— Mantequilla concentrada y envasada destinada al consumo inmediato en la Comunidad (para su aceptación por el comercio minorista)

— Emballeret koncentreret smør bestemt til direkte forbrug i Fællesskabet (til detailhandelen)

— Verpacktes Butterfett zum unmittelbaren Verbrauch in der Gemeinschaft (vom Einzelhandel zu übernehmen)

— Συμπυκνωμένο και συσκευασμένο βούτυρο που προορίζεται για άμεση κατανάλωση στην Κοινότητα (θα αναληφθεί από το λιανικό εμπόριο)

— Packed concentrated butter for direct consumption in the Community (to be taken over by the retail trade)

— Butir ikkonċentrat ippakkjat għall-konsum dirett fil-Komunità (biex jgħaddi għall-pussess tal-kummerċ bl-imnut)

— Beurre concentré et emballé destiné à la consommation directe dans la Communauté (à prendre en charge par le commerce de détail)

— Burro concentrato ed imballato destinato al consumo diretto nella Comunità (da consegnare ai commercianti al minuto)

— Verpakt boterconcentraat bestemd voor rechtsstreekse consumptie in de Gemeenschap (over te nemen door de detailhandel).

u għandu jiġi mmarkat fil-kaxxa 107 il-kliem "Regolament (KEE) Nru 429/90".

Artikolu 15

Il-garanzija fuq l-offerta msemmija f'Artikolu 5(1), l-ammont massimu ta' l-għajnuna msemmi f'Artikolu 6, l-għajnuna pagabbli lil min jirnexxielu jirbaħ l-offerta u l-garanzija fuq l-użu aħħari msemmija f'Artikolu 5(3) għandhom jiġu maqluba fil-munita kurrenti nazzjonali bl-użu tar-rata agrikola tal-kambju applikabbli fid-data ta' l-għeluq għas-sottomissjoni ta' l-offerti għall-istedina individwali għall-offerta kkonċernata.

Artikolu 16

L-ammonti monetarji kompensatorji applikabbli għall-butir ippakkjat ikkonċernat għandhom ikunu ugwali għall-ammonti monetarji kompensatorji ffissati skond ir-Regolament (KEE) Nru 1677/85 multiplikati bil-koeffiċjent mogħti fil-Parti 5 ta' l-Anness I mar-Regolament tal-Kummissjoni li jiffissa l-ammonti monetarji kompensatorji.

Artikolu 17

L-għajnuna għall-butir ikkonċentrat provduta fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament għandha titqies bħala intervent maħsub sabiex jistabbilizza s-swieq agrikoli fis-sens ta' l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 729/70 [2].

Artikolu 18

Għandu japplika r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2220/85 [3] għajr fejn dan ir-Regolament jipprovdi speċifikament xorta oħra.

Artikolu 19

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 1990.

[1] ĠU L 55, ta' l-1.3.1988, p. 31.

[2] ĠU L 94, tat-28.4.1970, p. 13.

[3] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-20 ta' Frar 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET GĦAL-BUTIR IKKONĊENTRAT GĦALL-KONSUM DIRETT

1. ĦTIĠIET LI JIRRIGWARDAW IL-KOMPOŻIZZJONI

(għal kull 100 kilogramma ta' butir ikkonċentrat għall-konsum dirett):

(a) *Kontenut ta' xaħam tal-ħalib:* minimu ta' 96 kilogramma;

(b) *Kostitwenti mhux xaħmija tal-ħalib:* massimu ta' żewġ kilogrammi;

(ċ) *Tracers, jiddependi mill-formola magħżula:*

Il-Formola I:

— jew 15-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = Δ 5,22-*stigmastene*— 3-beta-ol), mill-inqas 95 % pur, ikkalkolat fuq il-prodott lest għall-inkorporazzjoni,

— jew 17-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = 5,22-*stigmastene*— 3-beta-ol), mill-inqas 85 % pur, ikkalkolat fuq il-prodott lest għall-inkoporazzjoni, li jkun fih mhux iktar minn 7,5 % brassikasterol ($C_{28}H_{46}O$ = 5,22-ergostene-3-beta-ol) u mhux iktar minn 6 % sitosterol ($C_{29}H_{50}O$ = 5-stigmastene-3-beta-ol),

— jew 1,1 kilogrammi ta' trigliċeridi ta' l-aċidu enantiku (*n* — ettanojku), mill-inqas 95 % pur, ikkalkolat bħala trigliċeridi fuq il-prodott lest għall-inkorporazzjoni, b'valur massimu ta' aċidu ta' 0,3, ċifra tas-saponifikazzjoni ta' bejn 385 u 395, u kontenut minimu ta' 95 % ta' l-aċidu enantiku fil-parti esterifikata aċiduża.

Il-Formola II:

— jew 10 grammi ta' etil-ester ta' l-aċidu butirriku u 15-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = 5,22-*stigmastene*— 3-beta-ol), mill-inqas 95 % pur, ikkalkolat fuq il-prodott lest għall-inkorporazzjoni,

— jew 10 grammi ta' etil-esteru ta' l-aċidu butirriku u 17-il gramma ta' *stigmasterol* ($C_{29}H_{48}O$ = 5,22-*stigmastene*— 3-beta-ol), mill-inqas 85 % pur, ikkalkolat fuq il-prodott lest għall-inkorporazzjoni, li jkun fih mhux iktar minn 7,5 % brassikasterol ($C_{28}H_{46}O$ = 5,22-ergostene-3-beta-ol) mhux iktar minn 6 % ta' sitosterol ($C_{29}H_{50}O$ = 5-*stigmastene*— 3-beta-ol),

— jew 10 grammi ta' etil-ester ta' l-aċidu butirriku u 1,1 kilogrammi ta' trigliċeridi ta' l-aċidu enentiku (*n* — ettanojku), mill-inqas 95 % pur, ikkalkolat bħala trigliċeridi fuq il-prodott lest għall-inkorporazzjoni, b'valur massimu aċiduż ta' 0,3, ċifra ta' saponifikazzjoni ta' bejn it-385 u t-395, u 95 % ta' kontenut minimu ta' aċidu enantiku fil-parti esterifikata aċiduża;

(d) *Dan li ġej jista' jiġi inkorporat bl-esklużjoni ta' l-additivi l-oħra kollha:*

— komponenti mhux xaħmija tal-ħalib (massimu ta' żewġ kilogrammi) imsemmija fil-(b) u/jew

— klorur tas-sodju: massimu ta' 0,750 ta' kilogramm,

— leċitina (E 322): massimu ta' 0,500 ta' kilogramm.

2. ĦTIĠIET TAL-KWALITÀ

— *Aċidi mingħajr xaħam:* massimu ta' 0,35 % (espressi bħala aċidu olejku).

— *Ċifra tal-perossidu:* massimu ta' 0,5 (f'milli-ekwivalenti ta' ossiġenu attiv għal kull kilogramma).

— *Togħma:* friska.

— *Riħa:* nuqqas ta' rwejjaħ barranin.

— *Aġenti newtralizzanti, anti-ossidanti u preservanti:* nieqsa.